— f'dak li jikkonċerna t-talba għad-danni, ir-rikorrent isostni li d-deċiżjonijiet ikkawżawlu dannu morali li ma jistax jiġi kkumpensat permezz tal-annullament tad-deċiżjonijiet ikkontestati.

2. It-tieni motiv, fir-rigward tad-deċiżjoni tas-26 ta' April 2017, ibbażat fuq [il-ksur ta'] l-Artikolu 41 tal-Karta li twettaq mill-konvenut, kif ukoll tad-dmir ta' motivazzjoni tiegħu u d-dmir ta' premura tiegħu, sa fejn dan tal-aħħar isostni li d-deċiżjoni li r-rikorrent ikkontesta permezz ta' lment ġiet annullata u ttieħdet deċiżjoni saiex tinfetaħ investigazzjoni, u sa fejn minn dan huwa jikkonkludi li ma kienx hemm lok li t-talba għad-danni tiegħu tintlaqa'. Ir-rikorrent iqis ukoll li huwa wera li sostna dannu diviżibbli li ma jistax jiġi kkumpensat permezz tal-annullament tad-deċiżjoni kkontestata. Skont dan, għaldaqstant, huwa l-konvenut li kellu mhux biss jannulla d-deċiżjoni kkawżata mill-ilment iżda wkoll li jikkumpensa dan id-dannu.

---

## Rikors ippreżentat fit-18 ta' Lulju 2017 – Eurosupport – Fineurop support vs EIGE

## (Kawża T-450/17)

(2017/C 357/20)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Eurosupport – Fineurop support Srl (Milano, l-Italja) (rappreżentant: M. Velardo, avukat)

*Konvenut:* L-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE)

### Talbiet

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata tat-8 ta' Mejju 2017, li ma għażiltx l-offerta mressqa mir-rikorrenti fil-proċedura EIGE/2017/OPER/04 "Mutilazzjoni ġenitali femminili: evalwazzjoni ta' bniet f'riskju", kif ukoll id-deċiżjonijiet sussegwenti li agħżlu l-offerta ta' offerent ieħor u li taw il-kuntratt lil dan tal-aħħar;

— tikkundanna lill-konvenut iħallas kumpens għad-dannu subit mir-rikorrenti kif ukoll li jħallas interessi ta' 8 % jew, sussidjarjament, iħallas kumpens b'interessi ta' 8 %;

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka tliet motivi.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament, tal-prinċipju ta' trasparenza, tal-prinċipju ta' aġir bi prudenza, tal-obbligu li tiġi rrispettata l-kunfidenzjalità u bbażat ukoll fuq żball manifest ta' evalwazzjoni.

2. It-tieni motiv, ibbażat fuq l-inkoerenza tad-deċiżjonijiet ta' evalwazzjoni u l-ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità fl-evalwazzjoni tal-offerta tar-rikorrenti.

3. It-tielet motiv, ibbażat fuq il-ksur tad-dritt għal amministrazzjoni tajba.

---

## Rikors ippreżentat fl-1 ta' Awwissu 2017 – Il-Portugall vs Il-Kummissjoni

## (Kawża T-474/17)

(2017/C 357/21)

*Lingwa tal-kawża: il-Portugiż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Ir-Repubblika Portugiża (rappreżentanti: L. Inez Fernandes, M. Figueiredo, P. Estêvão, J. Saraiva de Almeida, aġenti)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

— tannulla d-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C (2017) 4136, tas-26 ta’ Ġunju 2017, li teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea ċertu nfiq li ġarrbu l-Istati Membri fil-kuntest tal-Fond Agrikolu Ewropew ta’ Garanzija (l-FAEG) u fil-kuntest tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (l-FAEŻR), sa fejn teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni spejjeż iddikjarati mill-Portugall relatati mal-allegat nuqqas ta’ osservanza tal-limiti massimi u tat-termini ta’ ħlas;

— tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka erba’ motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 11 tar-Regolament tal- Kummissjoni (KE) Nru 885/2006, tal-21 ta’ Ġunju 2006, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 dwar l-akkreditazzjoni tal-aġenziji tal-ħlas u ta’ korpijiet oħrajn u l-approvazzjoni tal-kontijiet tal-FAEG u tal-FAEŻR (ĠU 2006, L 171, p. 90).

2. It-tieni motiv ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kunsill Nru 73/2009, tad-19 ta’ Jannar 2009, li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta’ appoġġ dirett għal bdiewa fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta’ appoġġ għal bdiewa, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1290/2005, (KE) Nru 247/2006, (KE) Nru 378/2007 u li jirrevoka ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 (ĠU 2009, L 30, p. 16).

3. It-tielet motiv ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 31(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005, tal-21 ta’ Ġunju 2005, dwar il-finanzjament tal-Politika Agrikola Komuni (ĠU 2005, L 209, p. 1).

4. Ir-raba’ motiv ibbażat fuq il-ksur tal-Artikoli 9(3) u 17 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 968/2006, tas-27 ta’ Ġunju 2006, li jistipula regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 320/2006 li jistabbilixxi skema temporanja għar-ristrutturar tal-industrija taz-zokkor fil-Komunità (ĠU 2006, L 176, p. 32).

---

**Rikors ippreżentat fis-27 ta’ Lulju 2017 – Arysta LifeScience Netherlands vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-476/17)**

(2017/C 357/22)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Arysta LifeScience Netherlands BV (Amsterdam, il-Pajjiżi l-Baxxi) (rappreżentanti: C. Mereu u M. Grunchard, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

— tiddikjara r-rikors ammissibbli u fondat;

— tannulla r-regolament ikkontestat ([1]);

— tikkundanna l-konvenuta għall-ispejjeż.